**15 ta' Diċembru, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B. Litt., LL.D.**

**Maria Dolores Vella et.**

***versus***

**Rosario Micallef**

**Millantazzjoni — Jattanza — Retratt — Art. 404 tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-pretensjoni miġjuba l-quddiem b'ċedola ta' rkupru ma tikkostitwix millantazzjoni skond il-liġi; għax dik iċ-ċedola hija eżerċizzju effettiv tad-dritt pretiż, u għalhekk mhix konċepibbli domanda għall-prefissjoni ta' żmien biex irretraent iġib il-quddiem il-pretensjoni tiegħu — skop u oġġett tal-proċedura tal-jattanza.*

*Lanqas jikkostitwixxu millantazzjoni l-ittri li jibgħat ir-retraent fejn jinsisti fuq id-dritt ta' rkupru ġa minnu eżerċitat u jinsisti li ssir ir-rivendizzjoni.*

*Lanqas hija millantazzjoni l-oppożizzjoni li r-retraent jagħmel għad-domanda tar-retrattarju biex jiżbanka ċ-ċwievet talfond irkuprat, għax b'hekk huwa jindebbolixxi l-pożizzjoni tiegħu ta' retraent; għax biex ikun hemm lok għall-ġudizzju ta' jattanza, jeħtieġ li l-allegazzjoni tkun spontanea, u mhux provokata; b'mod illi, jekk l-allegazzjoni ssir għall-konservazzjoni jew għad-difiża ta' drittijiet minn persuna, mhux biss azzjonata, imma anki merament interpellata b'att ġudizzjarju, ma tikkostitwix millantantazzjoni, u ma tagħtix lok għar-rimedju eċċezzjonali tal-ġudizzju ta' jattanza.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi, wara li ppremettew illi l-konvenut, kemm f'ittri tal-Avukat tiegħu Dottor Tommaso Fenech, fosthom dik hawn eżibita (dok. A), u anki f'risposta għar-rikors tal-atturi tas-26 ta' Settembru ta' din is-sena quddiem dil-Qorti għall-iżbank jew irtir taċ-ċwievet tal-fond 14 St. Publius Street, San Pawl il-Baħar, depożitati fir-Reġistru ta' dil-Qorti, fejn wieġeb għall-istess rikors billi oppona ruħu, qed jivvanta

drittijiet fuq l-istess fond tal-attur, li fuqu jippretendi li jseħħ irkupru; talab li jiġi prefiss lill-konvenut minn dil-Qorti terminu *biex fih iġib* il-quddiem b'kawża l-pretensjoni tiegħu msemmija; u jekk jonqos li jġib il-quddiem il-kawża fiż-żmien lilu prefisa, jiġi mġiegħel li jiskot għal dejjem u jaqa' mid-dritt li jimxi iżjed bil-liġi għal din il-pretensjoni. *Bl-ispejjeż;*

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-premessi taċ-ċitazzjoni, u aħjar mid-dikjarazzjoni annessa, l-atturi irraviżaw millantazzjoni kontra tagħhom (1) *billi l-konvenut* qiegħed jivvanta drittijiet naxxenti miċ-ċedola ta' rkupru tiegħu nru. 116 tal-1958, (2) billi dawn id-drittijiet kompla jivvantahom fl-ittri tal-avukat tiegħu, fosthom dik eżibita fil-fol. 4, (3) u billi oppona *fir-risposta għar-rikors* tal-attur għall-iżbank tal-imfietaħ tal-fond irkuprat;

Illi, kwantu għall-ewwel motiv, huwa ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna, *illi l-pretensjoni* miġjuba l-quddiem b'ċedola ta' rkupru ma tikkostitwix millantazzjoni skond il-liġi (Kollez. XIX-II-131; għaliex biċ-ċedola jkun ġie "actu" eżerċitat id-dritt stess tal-irkupru, u għalhekk mhix konċepibbli *domanda għall-prefissjoni* ta' żmien biex ir-retraent iġib il-quddiem il-pretensjoni tiegħu — skop u oġġett tal-proċedura tal-jattanza (Kollez. XXVI-II-142);

*Illi, kwantu għat-tieni motiv, fl-ittra fol.* 4 l-konvenut jinsisti fuq id-dritt ta' rkpuru ġa minnu eżerċitat, u jitlob li ssir favur tiegħu r-rivendizzjoni tal-fond — ċirkustanza, din, li hija l-konsegwenza tal-"eżerċizzju" tad-dritt tar-retratt, u ma *tikkostitwix, għalhekk*, millantazzjoni fis-sens tal-liġi;

Illi, kwantu għat-tielet motiv, dan jikkonsisti filli l-konvenut oppona ruħu *għall-iżbank* taċ-ċwievet tal-fond irkuprat, depożitati mill-inkwilin; iżda huwa evidenti illi l-konvenut ma setgħax, mingħajr ma jindebbolixxi l-pożizzjoni tiegħu quddiem l-atturi, jagħti l-kunsens tiegħu għall-

iżbank tal-imfietaħ. Xejn ma jiswa li huwa f'dik ir-risposta allega li dawk l-imfietaħ jappartjenu lilu bħala retraent, għaliex, apparti l-ineżattezza ġuridika ta' din l-allegazzjoni, huwa kellu dejjem l-interess li "jiddefendi" l-pożizzjoni tiegħu bħala retraent quddiem att tal-atturi li "jipprovoka" dik id-difiża. Issa, hija ħaġa ormaj kostanti fil-ġurisprudenza tagħna illi, biex ikun hemm lok għall-ġudizzju ta' jattanza, l-allegazzjoni magħmula mill-konvenut trid tkun spontanea, u mhux provokata, b'mod illi, jekk dik l-allegazzjoni ssir għall-konservazzjoni jew għad-difiża ta' drittijiet minn persuna, mhux biss azzjonata, imma anki merament interpellata b'att ġudizzjarju, din ma tikkostitwix millantazzjoni, u ma tagħtix lok għar-rimedju eċċezzjonali kontemplat fl-art. 404 tal-Proċedura Ċivili (Kollez. XXIV-I-714; XXXII-I-645);

*Illi* ma tiswiex is-sottomissjoni tal-atturi fid-dibattitu orali, li ċjoè huma kellhom jirrikorru għall-ġudizzju ta' jattanza billi ma setgħux legalment jitolbu kontra l-konvenut prefissjoni ta' terminu għalbiex iġib il-quddiem l-azzjoni tar-rkupru; difatti, jekk dan ir-rimedju ma kienx possibbli, huma setgħu jaġixxu għall-iżbank tal-imfietaħ non ostante l-oppożizzjoni tal-konvenut (u allura huwa kien ikollu jaġixxi għar-rivendizzjoni tal-fond), jew setgħu jaġixxu għad-dikjarazzjoni ta' nullità ta' dak l-irkupru, eżerċitat, kif jippretendu, mingħajr titolu (Kollez. XXVI-II-142);

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi d-domandi tal-atturi; bl-ispejjeż kontra tagħhom.

---

**Tmiem tat-Tieni Parti**
**tal-Valum XLII.**

---